## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **984/2021 AD**

Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru **3854/2021**

## EMMANUEL ELLUL (KI 801760M)

**vs**

## PAUL PISANI (KI 029756M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għoxrin (20) t'Ottubru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza dwar talba ta' Paul Pisani magħmula fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3854/2021, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjali;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat **fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 984/2021 fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12** datat ħamsa (5) t'Ottubru 2021, **<u>Paul Pisani</u>** ippremetta:

   a. *Illi fl-ewwel lok, l-intimat Emmanuel Ellul ma ppreżentax kopja tal-kambjali li tagħhom qed ifittex l-eżekuzzjoni flimkien mal-ittra uffiċjali ppreżentata minnu;*

   b. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija ma tosservax id-dettami tal- proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi fil-korp tal-ittra uffiċjali d-debitur ma ġiex avżat b' mod intier bid-dritt mogħti lilu skond l-istess proviso;*

   c. *Fi kwalunkwe każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kambjali in kwistjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-forma tal-kambjala skond l-Artikolu 123 tal-Kodiċi tal- Kummerċ (Kapitolu 13 tal- Liġijiet ta' Malta);*

   d. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif miftihem fil-ftehim li għalih jagħmel referenza l-istess Emmanuel Ellul fl-ittra tiegħu, ftehim datat is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-eżegwibilita' tal-kambjali in kwistjoni kienet dipendenti fuq kondizzjoni sospensiva, u cioe li l-obbligi l-oħra imsemmija fl-istess ftehim jiġu onorati. Huwa ċar u manifest li fil-fatt, la Emmanuel Ellul u lanqas it-terzi msemmijin fl-istess ftehim ma wettqu l-obbligi tagħhom fil-konfront tar-rikorrenti Paul Pisani;*

   e. *Illi ma hux minnu li r-rikorrent Pisani ma resaqx għat-trasferiment tal-ishma mertu tal-ftehim datat is-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Dan għaliex sal-lum għadhom ma ġewx*

*ippreżentati lilu d-dokumenti neċessarji sabiex l-ishma in kwistjoni jiġu reġistrati fuq ismu kif hekk miftiehem;*

f. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta li l-kambjali in kwistjoni ma humiex ġirati u għalhekk dawn huma marbutin man-negozju li sar u li għalihom inħarġu l-istess kambjali. Ġaladarba l- istess kambjali kellhom iservu ta' garanzija għall-pagament li sal-lum għadu mhux dovut, allura lanqas il-kambjali ma huma eżegwibbli. Għalhekk, l-azzjoni intrapriża minn Emanuel Ellul hija fi kwalsiasi każ intempestiva. Ellul qiegħed ukoll jinżamm responsabbli għal kwalsiasi telf u danni kawżati lill-esponenti bid-dewmien fit-twettiq tal-obbligi assunti minn l-istess Emmanuel Ellul;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

3. Ir-rikorrent talab għalhekk lil din il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri, taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni, bl-ispejjeż kontra Emmanuel Ellul u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent skond il-liġi, inkluż iżda mhux biss azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni kawżati lir-rikorrent da parte ta' Emmanuel Ellul fin-nuqqas tat-twettiq tal-obbligi assunti minn Emmanuel Ellul;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2021, din il-Qorti, wara illi rat ir-rikors ippreżentat fil-ħamsa (5) t'Ottubru 2021, ordnat in-notifika lil Emmanuel Ellul bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ħamis, ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2021;

5. B'risposta datata ħdax (11) ta' Novembru 2021, **Emmauel Ellul** eċċepixxa:

a. *Illi preliminarjament, l-ittra uffiċjali tal-esponenti tosserva pjenament d-dettami tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'*

*Malta stante illi Pisani gie pjenament infurmat bid-drittijiet tiegħu skont il-liġi (kopja tal-Ittra Uffiċjali hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****);*

b. *Illi in linea preliminari wkoll, il-kambjali in kwistjoni, (hawn annessi u mmarkati bħala* ***Dok B1-B6****), jissodisfaw pjenament ir-rekwiżiti stabbiliti taħt l-Artikolu 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;*

c. *Illi inoltre, l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi biss żewġ possibilitajiet abbażi ta' liem tista' tintalab sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjala. Fil-każ odjern żgur li ma jistax jingħad li l-firem fuq il-kambjali ma humiex tal-persuna li allegatament iffirmathom jew li hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni;*

d. *Illi di piu, huwa minnu li l-esekuzzjoni tal-kambjali hija dipendenti fuq kundizzjoni sospensiva tal-kuntratt ta' nhar is-26 ta' Ottubru tas-sena 2020 li tistabilixxi li l-kambjali jsiru eżegwibbli ġaladarba jsir it-trasferiment ta' ishma kif deskritt fl-istess kuntratt. Madanakollu għandu jingħad li fl-ittra uffiċjali l-esponent ma nterpellax lil Pisani biss sabiex isir il-ħlas tal-kambjali izda anke sabiex jersaq għat-trasferiment ta' ishma. Għaldaqstant ma huwiex ġustifikat Pisani meta jinsisti li l-kambjali ma humiex eżegwibbli għax it-tasferiment ta' ishma għadu ma sarx. Huwa proprju Pisani li qiegħed ikaxkar saqajh sabiex jevita li jottempera ruħu mal-obbligazzjonijiet tiegħu stabbiliti skont il-kuntratt tas-26 ta' Ottubru 2020. (kopja tal-kuntratt tas-26 ta' Ottubru 2020 hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok C.****);*

e. *Illi fil-mertu, ma huwiex minnu dak li qiegħed jiġi allegat mir-rikorrenti li l-esponent naqas milli jippreżenta d-dokumenti neċessarji sabiex l-ishma jiġu reġistrati f'isem Pisani. Tant hu hekk illi Pisani ġie interpellat diversi drabi sabiex jersaq għal din il-konverżjoni iżda kien hu li naqas milli jagħmel dan;*

f. *Illi ġaladarba r-rikorrent huwa firmatarju tal-kuntratt tas-26 ta Ottubru 2020, għandu jiġi rispettat il-prinċipju ta' pacta sunt servanda,*

*għaldaqstant għandu jersaq għat-trasferiment tal-ishma u għall-hlas ta' dawn il-kambjali;*

g. *Illi inoltre, f'dan l-istadju tajjeb li ssir referenza għar-regola ta' proċeduri ta' din ix-xorta, proċeduri li jirrigwardaw kambjali li mmaturaw u huma dovuti. Ir-regola ġenerali stabbillita skont il-ġurisprudenza nostrana, kif rifless fil-kawża fl-ismijiet "Francesco Zammit noe vs Paolo Scicluna noe" tal-4 ta' Frar 1907, hija li:*

> *"secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinata quando le eccezzioni siano tali da richiedere lunga indagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuna."*

*Dan huwa rifless ukoll f'dak li jghid Artiklu 198(2) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe li:*

> *"Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma"*

*In sostenn ta' dan, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha ta' nhar il-15 ta' Novembru 1993 fil-kawża fl-ismijiet "Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe", qalet li:*

> *"Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan*

*mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

h. *Illi in vista tas-suespost, fl-umli opinjoni tal-esponenti ma jissussistux raġunijiet validi skont il-liġi sabiex l-esekuzzjoni tal-istess kambjali tiġi sospiża, u għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti għadhom jiġu miċħuda in toto;*

i. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

j. *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ta' **Paul Pisani** datat ħamsa (5) t'Ottubru 2021;

7. Reġgħet rat ir-risposta ta' **Emmanuel Ellul** datata ħdax (11) ta' Novembru 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) kopja tal-ittra uffiċjali numru 3854/2021 immarkata **Dok A** a fol 10 *et seq* tal-proċess; (b) kopja tal-kambjali mertu tal-proċeduri odjerni, immarkati **Dok B1-B6** a fol 13 *et seq* tal-proċess; u (c) kopja tal-kuntratt tas-26 t'Ottubru 2020 immarkat **Dok C** a fol 19 *et seq* tal-proċess;

8. Rat illi r-rikors ġie differit diversi drabi stante li kien hemm possibilita' ta' transazzjoni[1];

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Emmanuel Ellul** waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2022[2];

[1] Vide verbali tas-seduti tal-25 ta' Novembru 2021, 20 ta' Jannar 2022, 24 ta' Marzu 2022, 20 ta' Mejju 2022 u 27 t'Ottubru 2022
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 31 *et seq* tal-proċess

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Paul Pisani** waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Marzu 2023[3];

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Emmanuel Ellul** waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju 2023[4];

12. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Ġunju 2023[5];

13. Rat illi r-rikors ġie differit għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. It-talba rikorrenti hija bbażata fuq il-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi:

> *B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-*

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 38 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 43 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali tinsab a fol 47 *et seq* tal-proċess

*kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullita', tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;*

16. Jirriżulta għalhekk minn dan il-provvediment tal-liġi illi tnejn huma ċ-ċirkostanzi illi fihom din il-Qorti għandha s-setgħa tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala, u cioe:

    i. Meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx tar-rikorrenti jew tal-mandatarju tar-rikorrenti; jew

    ii. Fejn ikun hemm raġunijiet oħra gravi u validi mressqa mir-rikorrenti illi minħabba fihom ir-rikorrenti jkun qed jopponi għall-eżekuzzjoni;

17. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tindirizza dawn iż-żewġ xenarji, ta' min wieħed ifakkar illi jeżistu żewġ tipi ta' kambjali: dawk ġirati lil terzi, u dawk li ma jkunux. Ġie spjegat fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***Clean Away Service Limited vs Paul Cutajar***[6]:

*[...] Kambjali ġirati lil terzi – a contrario ta' dawk li ma jkunux – jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li fuqha tkun inħarġet il-kambjala. Fi kliem ieħor kambjala mhux ġirata ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għal ftehim li wassal għal ħruġ tagħha.*

*In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***John Giordimaina vs Joseph Pace et*** *(Ċit Nru 3391/1996/2)*

[6] Rik Nru 552/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 15 ta' Lulju 2021.

*deċiża fis-16 ta' Jannar 2003, fejn għamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:*

> *"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni oriġinali.*
>
> *L-iskop ta' kambjala hija li tista' tiġi ġirata malajr u meta tiġi ġirata takkwista karattru awtonomu. Mingħajr kambjala, kreditur jista' jagħmel kuntratt ta' ċessjoni ta' dritt taħt il-liġi ċivili, pero', fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva eċċezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Għalhekk, għall-kreditur, dan id-dritt ta' ċessjoni ma tantx hu effettiv għax ma tantx issib nies lesti jieħdu kreditu ta' ħaddieħor, u fl-istess ħin jibqgħu esposti għall-kwistjonijiet inerenti għall-obbligazzjoni li għaliha ma kienx partit. Għalhekk inħolqot il-kambjala. Peress li min jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li wasslet għal dak il-kreditu, jibqgħu estranei għalih, għax hu, bħala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero', il-kambjala m'għandhiex ikollha din in-natura għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nħoloq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-*

*istess partijiet huma rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas. Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerċ, 18 ta' Marzu 1965)."*

*In oltre ġie ritenut li meta l-kambjala ma tkunx ġiet ġirata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħal kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju. Dan magħdud it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament.*

Jirriżulta mill-atti illi l-kambjala in kwestjoni ma ġietx ġirata, iżda baqgħet f'idejn il-kredituri oriġinali, u cioe l-partijiet f'dawn il-proċeduri. Dan għalhekk ifisser illi l-kambjala illi dwarha qamet il-vertenza bejn il-partijiet għadha m'akkwistatx natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala, hekk kif ġie spjegat fil-ġurisprudenza appena ċitata, iżda għadha rilevanti għall-kambjala l-obbligazzjoni bejn il-partijiet;

18. In oltre, ġie wkoll ritenut mill-Qrati nostrana illi l-indaġini illi għandha tagħmel il-Qorti meta rinfaċċjata bi proċedura ta' din ix-xorta hija waħda *prima facie*. Hekk, per eżempju, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Mark Gaffarena vs Brian Lia***[7], din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet illi:

*Il-proċedura odjerna hija waħda sommarja, fejn l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti hija waħda ta' prima facie, u għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħmilx referenza*

[7] Rik Nru 545/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 27 ta' Mejju 2021

*speċifika għal 'prima facie' jew 'mad-daqqa t'għajn', il-bon sens jitlob li l-analiżi dettaljata għandha ssir fil-proċeduri li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan iwassal ukoll għal ħsieb li l-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul. In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet* ***Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe*** *mogħtija fil-15 ta' Novembru 1993 fejn ġie ritenut li:-*

> *"Huma biss ammisibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkunsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import tal-kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

19. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tindaga jekk, fuq bażi *prima facie*, jistax jingħad illi tissussisti waħda miż-żewġ ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

**A. <u>Il-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-Persuna li allegatament iffirmata</u>**

20. Fil-każ odjern, ma jidhirx illi qed jiġi kontestat illi ż-żewġ firem illi hemm fuq il-kambjali huma dawk tar-rikorrent Paul Pisani. Għalkemm dan ma rriżultax b'mod espress mix-xhieda tal-partijiet, din il-Qorti rat illi dawn il-firem huma identiċi għall-firma ta' Paul Pisani fuq il-kuntratt datat 26

t'Ottubru 2020 redatt bejn il-partijiet, anness bħala **Dok C** mar-rikors in eżami a fol 19 *et seq* tal-proċess, b'dana illi din il-Qorti tista', fuq bażi *prima facie* tikkonkludi hija stess illi l-firem fuq il-kambjala huma ta' Paul Pisani;

21. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ssib illi l-ewwel raġuni kontemplata fl-Artikolu 253(e) ma tapplikax għall-każ odjern.

## B. <u>Raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni</u>

22. Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dak illi għandu jikkostitwixxi *"raġunijiet oħra gravi u validi"*. Madanakollu, hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Windsor Company Limited vs Sovereign Hotels Limited***[8], b'referenza għal osservazzjonijiet magħmula mill-Qrati Maltin f'diversi sentenzi dwar talbiet simili għal dik odjerna:

> *19. Il-ġurisprudenza tixħet dawl b'eżempji ta' ċirkostanzi differenti fejn ġiet analizzata t-terminoloġija ta' raġunijiet "gravi u validi". Hekk per eżempju, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Michael Attard Ltd v. Turista Ltd*** *deċiża fit-22 ta' Novembru 2012 osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet ikkontemplati mil-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas:*
>
> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li*

[8] Rik Nru 239/2008, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Jannar 2021

*titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun";*

*20. Mentri fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2012, fil-kawża fl-ismijiet* ***Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd****, din il-Qorti kkunsidrat li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza jew tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu gravi biżżejjed sabiex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa mill-Qorti. Hekk ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikolu 253(e), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 2008, fl-ismijiet* ***Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi****, ċitata mill-ewwel Qorti, fejn intlaqgħet talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala għar-raġuni li kienet allegata użura. F'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** *fejn il-Qorti laqgħet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' promissory note minħabba allegata simulazzjoni;*

23. Ir-rikorrenti jsostnu illi hemm ħames raġunijiet, ippreżentati mingħajr preġudizzju għal xulxin, għalfejn għandha tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni:

a. **Illi l-ittra uffiċjali ma tosservax id-dettami tal-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi fil-korp tal-ittra uffiċjali d-debitur ma ġiex avżat b'mod intier bid-dritt mogħti lilu skond l-istess *proviso*;**

b. **Illi l-kambjali ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-forma tal-kambjala skond l-Artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi ma fihomx il-firma taż-żewġ partijiet;**

c. **Illi l-eżegwibilita' tal-kambjali kienet dipendenti fuq il-kondizzjoni sospensiva illi l-obbligi l-oħra msemmija fl-istess ftehim jiġu onorati; iżda l-istess obbligi għadhom ma ġewx onorati;**

d. **Illi mhux minnu illi r-rikorrent ma resaqx għat-trasferiment tal-ishma mertu tal-ftehim bejn il-partijiet, stante illi għadhom ma ġewx ippreżentati lilu d-dokumenti neċessarji sabiex l-ishma in kwestjoni jiġu reġistrati fuq ismu kif miftiehem;**

e. **Illi l-intrapriża minn Emmanuel Ellul hija intempestiva, stante illi peress illi l-kambjali qed iservu ta' garanzija għall-pagament li sal-lum għadu mhux dovut, lanqas il-kambjali ma huma eżegwibbli;**

24. Fir-rigward tal-**<u>ewwel raġuni</u>** mogħtija mir-rikorrent, din il-Qorti tagħraf illi dak illi qiegħed jagħmel referenza għalih ir-rikorrent huwa l-parti tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 illi tgħid illi, *"L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullita', tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso."* Id-dritt mogħti lid-debitur minn dan il-*proviso* huwa illi jippreżenta rikors fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tal-ittra uffiċjali biex jopponi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note*. Din il-Qorti rat illi l-ittra uffiċjali esebita bħala **Dok A** annessa mar-risposta tal-intimat a fol 10 *et seq* tal-proċess, tinkludi s-segwenti:

> *Għal finijiet u effetti kollha tal-liġi inti qed tiġi nfurmat illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 inti għandek id-dritt, fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, tippreżenta rikors sabiex topponi l-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali.*

*Fin-nuqqas li taderixxi ma' dina l-intimazzjoni, l-mittenti ser jgħaddi għall-esekuzzjoni tat-titoli eżekuttivi tiegħu u dana ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

25. Il-Qorti rat ukoll illi l-proċedura odjerna kienet issegwi dak rikjest mill-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi ma jidhirx lil din il-Qorti illi r-rikorrent seta' approfitta minn intimazzjoni aktar dettaljata minn hekk;

26. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi l-ittra uffiċjali tosserva d-dettami tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ewwel raġuni mogħtija mir-rikorrent effettivament ma tissussistix;

27. Fir-rigward tat-**<u>tieni raġuni</u>** mogħtija mir-rikorrent, l-Artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha.*

28. Fil-każ odjern, jidher illi l-kambjali huma ffirmati darbtejn minn Paul Pisani, darba fuq ix-xellug u darba fuq il-lemin. Ir-rikorrent qiegħed isostni illi l-kambjali huma nulli għaliex kellhom ikunu ffirmati wkoll minn Emmanuel Ellul bħala t-traent (*"għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha"*). Ċirkostanzi simili ġew ikkonsidrati mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Limited et***[9]:

[9] Appell Ċivili Nru 297/2008/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 3 ta' Frar 2012. Ara wkoll Rik Nru 237/2021 fl-atti tal-ittra uffiċjali bin-numru 910/2021 fl-ismijiet ***Grace Borg vs Francis Basile***, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Onor Maġ V Axiak, 28 ta' Novembru 2022 (in ġudikat)

> *12. [...][L]-erba' kambjalijiet li dwarhom saru dawn il-proċeduri nġibdu mhux mill-intimat Ian Pecorella iżda mir-rikorrenti Sovereign Cateres Limited u Ronald Azzopardi fuqhom infushom u favur l-intimat Ian Pecorella. Mela t-traenti – drawers – huma r-rikorrenti li, billi ġibdu l-kambjala fuqhom infushom, huma wkoll it-trattarji – drawees; l-intimat huwa l-benefiċjarju – payee. Ir-rikorrenti ffirmaw il-kambjalijiet bħala traenti fuq in-naħa tal-lemin isfel, u għalhekk hija żbaljata l-permessa li l-kambjalijiet ma humiex iffirmati minn min ġibidhom. Ir-rikorrenti – issa bħala trattarji – reġgħu iffirmaw fuq il-ġenb tax-xellug biex jaċċettaw il-kambjalijiet, u għalhekk saru wkoll aċċettanti. Il-firma tal-intimat bħala benefiċjarju ma hijiex meħtieġa; kienet tkun meħtieġa biss li kieku l-kambjala ġiet minnu ġirata favur terzi, li ma huwiex il-każ;*
>
> *13. Mela ma hemm ebda firma nieqsa fuq il-kambjalijiet: dawn għandhom il-forma tajba kif trid il-liġi u r-rikorrenti huma marbutin fuqhom: meta iffirmaw biex ħarġuhom intrabtu bħala traenti, u meta reġgħu iffirmaw biex aċċettawhom intrabtu bħala aċċettanti.*

29. Għaldaqstant, fil-każ odjern, fejn il-kambjali m'humiex qed jiġu ġirati favur terzi, din il-Qorti bl-istess mod tqis illi m'hemm l-ebda firma nieqsa fuq il-kambjali, u li l-forma stabbilita fl-Artikolu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet osservata, b'dana illi l-kambjali ma jistgħux jitqiesu nulli a bażi tal-fatt illi ma jinkludux il-firma ta' min qed jiġbidhom;

30. In oltre, fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, ir-rikorrent isostni illi l-kambjali huma wkoll nulli għaliex ma jinkludux ir-raġuni illi għalihom inħarġu. Din il-Qorti, iżda, rat illi dan mhuwiex rekwiżit essenzjali *ad validitatem* fit-termini tal-Artiklu 123 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi din il-Qorti ma tistax tqis illi l-kambjali huma invalidi u/jew nulli għal din ir-raġuni;

31. Fir-rigward tal-**<u>aħħar tliet raġunijiet</u>** mogħtija mir-rikorrent, u cioe, in suċċint, illi Emmanuel Ellul ma wettaqx l-obbligi tiegħu fil-konfront ta' Paul Pisani, u li għalhekk il-pagament għadu sal-lum mhux dovut minn Pisani lil Ellul, jirriżulta mill-ftehim tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2020[10] illi l-partijiet qablu illi, *"In garanzija tal-pagamenti hawn fuq imsemmija, il-partijiet qed jiffirmaw sitt (6) kambjali imqassma skond l-iskeda hawn fuq indikata. Il-partijiet jaqblu pero', li tali kambjali jkunu dovuti biss għall-pagament jekk jiġu onorati l-obbligi kollha f'dan il-ftehim."*

32. Hekk kif ġia ġie spjegat aktar 'il fuq, il-kambjali fil-każ odjern ma ġewx ġirati, b'dana għalhekk illi m'akkwistawx natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjali. Dan ifisser illi l-kambjali mertu tal-proċeduri odjerni ma jistgħux jimxu waħedhom mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha, cioe l-ftehim tas-sitta u għoxrin (26) t'Ottubru 2020. Ikkunsidrat dan, din il-Qorti tqis illi non-osservanza tal-istess ftehim tikkostitwixxi raġuni gravi u valida sabiex wieħed jitlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali;

33. Il-Qorti rat illi mhux qed jiġi kontestat illi t-trasferiment tal-ishma li kellu jsir a favur Paul Pisani għadu mhux konkluż[11]. Dak illi qed jiġi kontestat huwa illi l-istess trasferiment għadu ma sarx per kawża ta' inadempjenza da parti ta' Emmanuel Ellul. Infatti, Emmanuel Ellul isostni illi huwa wettaq l-obbligi tiegħu u li huwa Paul Pisani illi għadu m'effettwax l-obbligi tiegħu;

34. Tenut kont illi l-proċeduri odjerni huma proċeduri sommarji, fejn il-Qorti għandha tiddeċiedi fuq dak illi tirriskontra *mad-daqqa t'għajn*, din il-Qorti tqis illi l-fatt innifsu illi t-trasferiment tal-ishma li kellu jsir a favur Paul Pisani għadu mhux konkluż, huwa minnu nnifsu raġuni valida biżżejjed sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwestjoni. Il-kwestjoni dwar min mill-partijiet jaħti għal dan il-fatt hija kwestjoni estranea għall-proċeduri odjerni, u waħda illi għandha, *se mai*, tiġi indirizzata f'kawża appożita;

---

[10] Vide **Dok C** anness mar-risposta tal-intimat għar-rikors odjern, a fol 19 *et seq* tal-proċess
[11] Vide xhieda ta' Emmanuel Ellul a fol 44 tal-proċess

35. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi tissussisti raġuni gravi jew valida biżżejjed illi tista' twassal għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12, u sejra għalhekk **<u>tilqa</u>'** t-talba rikorrenti.

**Decide**

36. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tilqa</u>'** t-talba rikorrenti a tenur tal-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwestjoni.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-intimat Emmanuel Ellul.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**